BANK ĊENTRALI TA' MALTA
EUROSISTEMA
CENTRAL BANK OF MALTA



# Muniti tal-Fidda 2020-2029

MALTA COIN CENTRE


**Malta Coin Centre**
Bank Ċentrali ta' Malta
Pjazza Kastilja
Valletta VLT1060
Malta
**(+356) 2550 6006/7/8**
**https://www.maltacoincentre.com/**
**customercare@maltacoincentre.com**

# L'Isle Adam Graduals




2020

| | |
|---|---|
| Tip | Fidda Proof |
| Denominazzjoni | €10 |
| Dijametru | 38.61mm |
| Piż Gross | 28.28g |
| Finezza | 0.925 |
| Disinjatur | Royal Dutch Mint |
| Zekka | Royal Dutch Mint |
| Stampar | 2,500 |

Il-Bank Ċentrali ta' Malta ħareġ muniti numiżmatiċi tad-deheb u l-fidda li juru ittra illuminata mill-Gradwali ta' L'Isle Adam. Il-muniti jiffurmaw parti mill-Europa Programme bit-tema 'Gotiku' u għandhom il-marka tal-logo tal-Europa Star.

In-naħa ta' quddiem tal-muniti turi l-istemma araldika ta' Malta u l-logo tal-Europa Star. In-naħa ta' wara tal-muniti turi l-ittra illuminata 'O' misjuba fil-Gradwali ta' L'Isle Adam, li jinsabu fil-mużew tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann. Intużaw tekniki tal-istampar bil-kulur fuq il-muniti sabiex jipproduċu l-kwalitajiet kromatiċi u estetiċi tax-xogħol oriġinali.

Il-Gradwali ta' L'Isle Adam, li jmorru lura għas-sena 1533, jitqiesu li huma l-ifjen manuskritti illuminati ta' Malta. Dawn jikkonsistu minn sett ta' għaxar kotba għall-korijiet ikkommissjonati minn skrittorju Franċiż tal-Gran Mastru Philippe Villiers de L'Isle Adam. Dawn il-gradwali ġew prodotti xi żmien wara l-bidu tal-istampar, bil-Bibbja ta' Gutenberg tal-1455 isservi bħala eżempju ċar. Dan jirrifletti l-kumplessità tal-istampar ta' partituri tal-mużika, li assigura li l-produzzjoni ta' manuskritti ta' kotba għall-korijiet – primarjament bl-użu ta' tekniki medjevali – baqgħet ħajja fis-seklu sittax.

# Il-75 Anniversarju mit-Tieni Gwerra Dinjija




2020

| | |
|---|---|
| Tip | Fidda Proof |
| Denominazzjoni | €10 |
| Dijametru | 38.61mm |
| Piż Gross | 28.28g |
| Finezza | 0.925 |
| Disinjatur | Noel Galea Bason |
| Zekka | Royal Dutch Mint |
| Stampar | 2,000 |

It-Tieni Gwerra Dinjija faqqgħet fl-1 ta' Settembru 1939 bl-invażjoni tal-Polonja mill-Ġermanja Nazista. Malta, li kienet tagħmel parti mill-Imperu Brittaniku, baqgħet relattivament mhux affettwata sakemm l-Italja ddikjarat gwerra kontra l-Gran Brittanja fl-10 ta' Ġunju 1940. Malta sofriet l-ewwel air raid il-ġurnata ta' wara. Dan kien il-bidu ta' tliet snin sofferenzi li matulhom Malta ġarrbet aktar minn 3,000 twissija dwar rejd li matulhom twaqqgħu madwar 16-il elf tunnellata ta' bombi fuq il-gżejjer. Malta kienet ibbumbardjata bla heda, iżolata u kważi sfurzata ċċedi bil-ġuħ. Madankollu, in-nies u d-difensuri ta' Malta ddominaw quddiem l-avversità, il-mewt, it-telf u l-privazzjoni.

Il-muniti, li għandhom valur nominali ta' €10, huma limitati għal 2,000 munita u nħadmu mir-Royal Dutch Mint. Kull munita hi maħduma f'0.925 fidda, tiżen 28.28 gramma, għandha dijametru ta' 38.61 millimetru u maħduma f'verżjoni proof.

In-naħa ta' quddiem tal-muniti turi l-istemma araldika ta' Malta, filwaqt li n-naħa ta' wara turi tliet ajruplani tat-tip Gloster Gladiator jittajru fuq il-gżejjer Maltin. L-artist – Noel Galea Bason – għażel dawn l-ajruplani leġġendarji, imlaqqmin Faith, Hope u Charity, għaliex jirrappreżentaw il-ġlieda inugwali li kellha Malta kontra l-potenzi qawwijin tal-Assi, u jibqgħu wieħed mis-simboli dejjiema tal-esperjenza ta' gwerra ta' Malta.

# Il-250 Sena mit-Twelid ta' Beethoven




2020

| | |
|---|---|
| Tip | Fidda Proof |
| Denominazzjoni | €10 |
| Dijametru | 38.61mm |
| Piż Gross | 28.28g |
| Finezza | 0.925 |
| Disinjatur | Royal Dutch Mint |
| Zekka | Royal Dutch Mint |
| Stampar | 1,500 |

Beethoven twieled f'Bonn, probabbilment fis-16 ta' Diċembru 1770. Hu meqjus bħala wieħed mill-aqwa kompożituri ta' kull żmien. Il-mużika tiegħu timmarka l-qofol tal-istil klassiku tas-seklu tmintax u l-bidu ta' era ġdida – ir-Romantiċiżmu. Ħajtu u l-mużika tiegħu influwenzaw ħafna kompożituri tas-seklu dsatax bħal Schubert, Mendelssohn, Liszt, Berlioz, Bruckner, Brahms u Wagner. Il-wirt mużikali ta' Beethoven jinkludi madwar 240 kompożizzjoni, inklużi disa' sinfoniji, opra, u diversi kunċerti bil-pjanu u kwartetti tal-kordi.

Il-munita, maħduma fir-Royal Dutch Mint, turi l-emblema ta' Malta u s-sena tal-ħruġ – 2020 – fuq in-naħa ta' quddiem. Fuq in-naħa ta' wara tal-munita hemm rappreżentazzjoni ta' Beethoven ibbażata fuq ix-xbieha ikonika li saret fl-1820 minn Joseph Karl Stieler.

Il-munita għandha valur nominali ta' €10. Hi maħduma f'0.925 fidda, tiżen 28.28 gramma u għandha dijametru ta' 38.61 millimetru. Il-munita ġiet iddisinjata u mnaqqxa minn Noel Galea Bason, u l-istampar tagħha hu limitat għal 1,500.

# Il-50 Anniversarju tal-Forzi Armati ta' Malta




2020

| | |
|---|---|
| Tip | Fidda |
| Denominazzjoni | €10 |
| Diametru | 38.61mm |
| Finezza | 0.925 |
| Disinjatur | CBM & AFM |
| Zekka | Royal Dutch Mint |
| Stampar | 2,000 |

L-Att dwar il-Forzi Armati ta’ Malta daħal fis-seħħ fit-22 ta’ Settembru 1970 “sabiex jitwaqqfu u jinżammu forzi armati f’Malta u biex jipprovdi dwar ħwejjeġ li għandhom x’jaqsmu ma’ hekk u anċillari għal hekk”. B’dan l-istrument, Malta setgħet twaqqaf l-armata permanenti tagħha.

Fl-1 ta’ Ottubru 1970, 500 uffiċjal Malti u membri tar-Royal Malta Artillery, reġiment antik u distint, ma baqgħux jiffurmaw parti mill-British Army u saru parti mill-Malta Land Force, li ftit taż-żmien wara saret magħrufa bħala l-Forzi Armati ta’ Malta.

Fuq in-naħa ta’ wara, il-muniti juru l-arma reġimentali tal-Forzi Armati ta’ Malta bi sfond aħmar fuq il-blu. Fuq in-naħa ta’ quddiem tidher l-istemma araldika tar-Repubblika ta’ Malta flimkien mas-sena tal-ħruġ.

# Il-550 Sena mit-Twelid ta' Albrecht Dürer




2021

| | |
|---|---|
| Tip | Fidda Proof |
| Denominazzjoni | €10 |
| Dijametru | 38.61mm |
| Piż Gross | 28.28g |
| Finezza | 0.925 |
| Disinjatur | Noel Gael Bason |
| Zekka | Royal Dutch Mint |
| Stampar | 1,000 |

Il-Bank Ċentrali ta' Malta qiegħed joħroġ muniti numiżmatiċi tad-deheb u tal-fidda li jfakkru l-550 anniversarju mit-twelid tal-artist Albrecht Dürer.

Il-muniti ġew iddisinjati u ntaljati minn Noel Galea Bason u nħadmu fiż-Zekka Rjali Olandiża. Fuq in-naħa ta' quddiem tal-muniti hemm l-Arma ta' Malta. Fuq in-naħa ta' wara hemm rappreżentazzjoni ta' waħda mill-inċiżjonijiet fuq l-injam ta' Dürer, imsejħa 'San Ġorġ u d-Dragun'.

Dürer twieled fil-belt ta' Nuremberg fil-21 ta' Mejju 1471. Għalkemm ix-xogħol tiegħu kien influwenzat mill-aħħar fażi tal-istil Gotiku Ġermaniż, il-vjaġġi tiegħu fl-Italja ġabuh f'kuntatt mar-Rinaxximent Taljan, li influwenzah profondament. Hu kien artist ta' ħila kbira iżda hu mfakkar l-iktar għall-għadd kbir ta' inċiżjonijiet li għamel: madwar 346 riljiev inċiż fuq l-injam u 108 inċiżjoni fuq ir-ram. Permezz ta' Dürer, l-arti tal-inċiżjoni saret forma ta' arti nobbli. Il-prints tiegħu huma apprezzati għall-kwalitajiet estetiċi tagħhom, id-dettalji komplikati u rqaq tagħhom, u t-teknika ta' ħila kbira użata biex toħloq sfumaturi u fond spazjali.

# Il-Ħamsa u Għoxrin Anniversarju tal-Junior College




2021

| | |
|---|---|
| Tip | Fidda Proof |
| Denominazzjoni | €10 |
| Dijametru | 38.61mm |
| Piż Gross | 28.28g |
| Finezza | 0.925 |
| Disinjatur | Royal Dutch Mint |
| Zekka | Royal Dutch Mint |
| Stampar | 700 |

Fid-19 ta' Lulju 2021, il-Bank Ċentrali ta' Malta ħareġ munita tal-fidda biex tfakkar il-ħamsa u għoxrin sena minn meta l-Junior College fetaħ il-bibien tiegħu fl-1995.

Il-munita, maħduma fir-Royal Dutch Mint, turi l-emblema ta' Malta u s-sena tal-ħruġ, 2021, fuq in-naħa ta' quddiem. Fuq in-naħa ta' wara, il-munita għandha rappreżentazzjoni tal-binja tal-Junior College fl-Imsida. Din il-binja modernista, li kienet magħrufa bħala l-Polytechnic, kienet iddisinjata minn Victor Anastasi. Kienet iffinanzjata mill-Colonial Welfare and Development Fund tar-Renju Unit u mill-UNESCO. Il-binja ġiet inawgurata formalment fis-16 ta' Lulju 1966 – 55 sena ilu.

## Il-Mitejn u Ħamsa u Għoxrin Anniversarju tal-Binja tal-Bibljoteka




**2021**

| | |
|---|---|
| Tip | Fidda Proof |
| Denominazzjoni | €10 |
| Dijametru | 38.61mm |
| Piż Gross | 28.28g |
| Finezza | 0.925 |
| Disinjatur | Noel Gael Bason |
| Zekka | Royal Dutch Mint |
| Stampar | 1,000 |

Fid-19 ta' Lulju 2021, il-Bank Ċentrali ta' Malta ħareġ munita tal-fidda biex tfakkar il-225 sena minn meta tlestiet il-binja tal-Bibljoteka fil-Belt Valletta fl-1796.

Il-Bibljoteka kienet l-aħħar binja pubblika ewlenija mibnija mill-Ordni ta' San Ġwann f'Malta, iżda hija wkoll l-ewwel librerija mibnija b'dak l-iskop. Il-pjanti għall-Bibljoteka tfasslu minn Stefano Ittar, perit rispettat u magħruf sew f'Katanja. Ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni bdew fl-1786, iżda l-binja ma tlestietx qabel l-1796, sentejn biss qabel ma l-kavallieri tkeċċew minn Malta minn Napuljun.